

32003R0068

17.1.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 12/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 68/2003**tas-16 ta' Jannar 2003****dwar l-użu ta' informazzjoni, minbarra informazzjoni miksuba minn sħarriġ statistiku, u l-perjodu li fih trid issir il-komunikazzjoni tar-riżultati ta' l-iħħarriġ tat-2003 dwar l-iħħarriġ ta' azjendi agrikoli**

IL-KUMMISSJONI TA' L-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 tad-29 ta' Frar 1988 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ Komunitarju dwar l-iħħarriġ ta' azjendi agrikoli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 143/2002 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) u punt 5 ta' l-Anness II,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88, uħud mill-Istati Membri talbu li jkunu awtorizzati mill-Kummissjoni sabiex jużaw informazzjoni li tkun diġa disponibbli minn eġħjun oħra iżda mhux minn sħarriġ statistiku dwar ċerti karatteristiċi.
- (2) Ir-riżultati ta' l-iħħarriġ dwar l-iħħarriġ huma ta' importanza kbira għall-politika agrikola komuni. Huwa neċessarju li jinżamm livell għoli fil-kwalità ta' l-informazzjoni u għalhekk l-użu ta' data minn eġħjun li mhumiex sħarriġ statistiku jista' jiġi aċċettat biss jekk din id-data hija ta' min joqġhod fuqha daqs li kieku kienet data minn sħarriġ statistiku.
- (3) Il-perjodu li fih trid tiġi komunikata d-data ta' l-iħħarriġ individwali mill-iħħarriġ tat-2003 dwar l-iħħarriġ ta' azjendi agrikoli għandu jiġi stipulat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-kalendarju għat-twettiq ta' l-iħħarriġ ivarja minn Stat Membru għall-ieħor.
- (4) Minħabba l-importanza tar-riżultati ta' l-iħħarriġ dwar l-iħħarriġ għall-politika agrikola komuni u t-talba li dejjem tiżdied għal data aġġornata, id-data mill-iħħarriġ għandha tiġi proċessata u komunikata lill-Kummissjoni (Eurostat) malajr kemm jista' jkun.

- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Statistiċi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Olanda, l-Awstrija, l-Isvezja, u r-Renju Unit huma awtorizzati sabiex jużaw informazzjoni li tkun diġa disponibbli, minbarra dik l-informazzjoni li tkun ġejja mill-iħħarriġ statistiku ta' l-iħħarriġ ta' l-2003 dwar l-iħħarriġ ta' azjendi agrikoli. L-eġħjun li jistgħu jkunu użati huma mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri msemmjia fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw illi din l-informazzjoni hija, ta' l-anqas, ta' l-istess kwalità daqs l-informazzjoni miksuba minn sħarriġ statistiku.

Artikolu 2

Fil-perjodi stipulati fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-data minn sħarriġ individwali mill-iħħarriġ ta' l-2003 dwar l-iħħarriġ ta' azjendi agrikoli, liema data għandha tkun ikkonfermata.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 16 Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 56, tat-2.3.1988, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 16.

L-ANNEX I

Egħjun, minbarra sħarriġ strutturali, li huma awtorizzati sabiex jiġu użati fl-istħarriġ ta' l-2003 dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli:

Id-Danimarka	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll
Il-Ġermanja	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll
L-Olanda	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll; Reġistru Nazzjonali ta' l-Irziezet ⁽¹⁾
L-Awstrija	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll; Sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini
L-Isvezja	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll; Sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini
Ir-Renju Unit:	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll; Sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini; Reġistru tal-Biedja Organika

⁽¹⁾ Imwaqqfa minn leġislazzjoni nazzjonali.

Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll hija mwaqqfa skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3508/92 ⁽²⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3887/92 tat-23 ta' Diċembru 1992 ⁽³⁾.

Ir-Reġistru Ċentralizzat ta' l-Annimali Bovini huwa mwaqqaf skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.

Ir-Reġistru tal-Biedja Organika huwa mwaqqaf skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2092/91 ⁽⁵⁾.

⁽²⁾ ĠU L 355, tal-5.12.1992, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 391, tal-31.12.1992, p. 36.

⁽⁴⁾ ĠU L 204, tal-11.8.2000, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.

L-ANNEX II

Limiti ta' żmien għall-komunikazzjoni tad-*data* individwali t ta' l-istħarriġ lill-Ewrostat :

L-Istat Membru	Perjodu ta' s'harrig	Limitu ta' żmien
Il-Belġju	Mejju 2003	tal-31.8.2004
Id-Danimarka	Mejju 2003	tal-31.8.2004
Il-Ġermanja	Mejju sa Ġunju 2003	tal-31.12.2004
Il-Greċja	Novembru sa Diċembru 2003	tal-31.12.2004
Spanja	Ottubru sa Diċembru 2003	tal-31.12.2004
Franza	Ottubru sa Diċembru 2003	tal-31.12.2004
L-Irlanda	Ġunju sa Awissu 2003	tal-31.8.2004
L-Italja	Ottubru sa Diċembru 2003	tal-31.12.2004
Il-Lussemburgu	Mejju sa Ġunju 2003	tal-31.8.2004
L-Olanda	April sa Ġunju 2003	tal-31.8.2004
L-Awstrija	Diċembru 2003	tal-31.12.2004
Il-Portugall	Novembru 2003 sa Frar 2004	tal-31.12.2004
Il-Finlandja	Mejju u Novembru 2003	tal-31.8.2004
L-Isvezja	Ġunju 2003	tal-31.8.2004
Ir-Renju Unit	Frar sa Ottubru 2003	tal-31.8.2004